

Il-Ħamis, 14 ta' Novembru 2019

P9_TA(2019)0056

Qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × NK603 × DAS-40278-9 u s-subkombinazzjonijiet MON 89034 × NK603 × DAS-40278-9, 1507 × NK603 × DAS-40278-9 u NK603 × DAS-40278-9

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Novembru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × NK603 × DAS-40278-9 u s-subkombinazzjonijiet MON 89034 × NK603 × DAS-40278-9, 1507 × NK603 × DAS-40278-9 u NK603 × DAS-40278-9, li jikkonsistu minn tali qamħirrum jew li huma prodotti minnu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (D062828/04 – 2019/2859(RSP))

(2021/C 208/03)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × NK603 × DAS-40278-9 u s-subkombinazzjonijiet MON 89034 × NK603 × DAS-40278-9, 1507 × NK603 × DAS-40278-9 u NK603 × DAS-40278-9, li jikkonsistu minn tali qamħirrum jew li huma prodotti minnu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (D062828/04,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 7(3) u 19(3) tiegħu,
- wara li kkunsidra l-votazzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali msemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, tat-12 ta' Lulju 2019, li fiha ma nġatat ebda opinjoni, kif ukoll il-votazzjoni tal-Kumitat tal-Appell tas-16 ta' Settembru 2019, li fiha wkoll ma nġatat ebda opinjoni,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 11 u 13 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-opinjoni adottata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) fit-28 ta' Novembru 2018, u ppubblikata fis-16 ta' Jannar 2019⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu li joġġezzjonaw għall-awtorizzazzjoni ta' organiżmi ġenetikament modifikati ("OĠM")⁽⁴⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

⁽³⁾ "Scientific opinion on the Assessment of genetically modified maize MON 89034 × 1507 × NK603 × DAS-40278-9 and subcombinations independently of their origin for food and feed uses, import and processing under Regulation (EC) No 1829/2003 (application EFSA-GMO-NL-2013-112)" (Opinjoni xjentifika dwar il-Valutazzjoni tal-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × NK603 × DAS-40278-9 u s-subkombinazzjonijiet indipendentement mill-orijini tagħhom għall-użu tal-ikel u l-għalf, l-importazzjoni u l-ipproċessar skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 (applikazzjoni EFSA-GMO-NL-2013-112)), EFSA Journal 2019, 17(1):5522, <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2019.5522>

⁽⁴⁾ Fit-tmien leġislatura tiegħu, il-Parlament Ewropew adotta 36 riżoluzzjoni li joġġezzjonaw għall-awtorizzazzjoni tal-OĠM. Barra minn hekk, fid-disa' leġislatura tiegħu, il-Parlament adotta r-riżoluzzjonijiet li ġejjin:

- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat MZHG0JG (SYN-ØØØJG-2), skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2019)0028).

- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn fażola tas-soġja ġenetikament modifikata A2704-12 (ACS-GMØØ5-3) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2019)0029).

- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 × DAS-40278-9, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina żewġ, tlieta jew erba' mill-eventi uniċi MON 89034, 1507, MON 88017, 59122 u DAS-40278-9 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2019)0030).

Il-Ħamis, 14 ta' Novembru 2019

- wara li kkunsidra l-Artikolu 112(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
- A. billi, fil-11 ta' Jannar 2013, Dow AgroSciences Europe (l-"applikant") ressqet, fisem Dow AgroSciences LLC, applikazzjoni, skont l-Artikoli 5 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, għat-tqegħid fis-suq ta' ikel, ingredjenti tal-ikel u għalf li fihom qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × NK603 × DAS-40278-9 ("il-qamħirrum ĠM derivat minn trasformazzjoni multipla") u s-subkombinazzjonijiet tiegħu, li jikkonsistu minn tali qamħirrum jew li huma prodotti minnu; billi l-applikazzjoni kopriet ukoll it-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jew jikkonsistu minn, qamħirrum ĠM derivat minn trasformazzjoni multipla għal użi oħra għajr l-ikel u l-għalf, bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni;
- B. billi seba' subkombinazzjonijiet tal-qamħirrum ĠM derivat minn trasformazzjoni multipla diġà ġew awtorizzati, jew qegħdin fil-proċess li jiġu awtorizzati taħt applikazzjoni separata; billi t-tliet subkombinazzjonijiet l-oħra (MON 89034 × NK603 × DAS-40278-9, 1507 × NK603 × DAS-40278-9 u NK603 × DAS 40278-9) huma koperti mill-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni;
- C. billi l-qamħirrum ĠM derivat minn trasformazzjoni multipla huwa derivat minn inkroċjar ta' erba' eventi tal-qamħirrum ġenetikament modifikat ("ĠM"), u jagħti tolleranza għall-erbiċidi li fihom il-glufosinat, il-glifosat, il-kwiżalofop u t-2,4-D minbarra li jipproduċi tliet proteini insettiċidi (proteini "Bt" jew "Cry"): Cry1A.105, Cry2Ab2 u Cry1F li huma tossiċi għal ċerti larvi lepidopteri⁽⁵⁾;
- D. billi, fit-28 ta' Novembru 2018, l-EFSA adottat opinjoni favorevoli, li ġiet ippubblikata fis-16 ta' Jannar 2019⁽⁶⁾;
- E. billi r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 jgħid li ikel jew għalf ĠM m'għandux ikollu effetti negattivi fuq is-saħħa umana, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent, u jesiġi li l-Kummissjoni tikkunsidra kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni u fatturi leġittimi oħra li jkunu rilevanti għall-kwistjoni li tkun qed tiġi kkunsidrata fl-abbozzar tad-deċiżjoni tagħha;
- F. billi l-applikant ma ressaq ebda data lill-EFSA għat-tliet subkombinazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni⁽⁷⁾;

Kummenti tal-Istati Membri u studju indipendenti

- G. billi l-Istati Membri ressqu bosta kummenti kritiċi lill-EFSA matul il-perjodu ta' konsultazzjoni ta' tliet xhur⁽⁸⁾; billi daww il-kummenti kritiċi jinkludu l-osservazzjoni li d-data pprovduta mill-applikant mhijiex biżżejjed biex tiġi żgurata valutazzjoni tar-riskju korretta, li l-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-EFSA mhijiex biżżejjed fil-forma preżenti tagħha, peress li naqset milli tivvaluta kif xieraq is-sikurezza ġenerali u t-tossiċità potenzjali tal-event tal-qamħirrum ĠM derivat minn trasformazzjoni multipla għall-bnedmin, l-annimali u l-ambjent, li l-EFSA ma kkunsidratx studji reċenti dwar it-tossiċità potenzjali tat-tossini Bt, u li huwa impossibbli li jintlaħqu konklużjonijiet dwar ir-riskji għas-saħħa assoċjati mal-qamħirrum ĠM derivat minn trasformazzjoni multipla mingħajr ma jsiru studji ta' alimentazzjoni fit-tul biex tiġi vvalutata kif xieraq it-tossiċità għall-organi u għar-riproduzzjoni, u r-reazzjonijiet tas-sistema immunitarja, li jqisu l-livelli realistiċi ta' residwi ta' erbiċidi komplementari u l-effetti kombinatorji u kumulattivi potenzjali;
- H. billi studju indipendenti⁽⁹⁾ jikkonkludi wkoll li l-valutazzjoni tar-riskju tal-EFSA mhijiex aċċettabbli fil-forma preżenti tagħha, peress li naqset milli tivvaluta kif xieraq is-sikurezza ġenerali u t-tossiċità potenzjali tal-event tal-qamħirrum ĠM derivat minn trasformazzjoni multipla;

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-EFSA, p. 10, Tabella 4. Lepidoptera hija ordni ta' insetti li tinkludi l-friefet u l-baħrijiet.

⁽⁶⁾ "Scientific opinion on the Assessment of genetically modified maize MON 89034 × 1507 × NK603 × DAS-40278-9 and subcombinations independently of their origin for food and feed uses, import and processing under Regulation (EC) No 1829/2003 (application EFSA-GMO-NL-2013-112)" (Opinjoni xjentifika dwar il-Valutazzjoni tal-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × NK603 × DAS-40278-9 u s-subkombinazzjonijiet indipendentement mill-oriġini tagħhom għall-użu tal-ikel u l-għalf, l-importazzjoni u l-ipproċessar skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 (applikazzjoni EFSA-GMO-NL-2013-112)), EFSA Journal 2019, 17(1):5522, <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2019.5522>

⁽⁷⁾ Opinjoni tal-EFSA, p. 20.

⁽⁸⁾ Il-kummenti tal-Istati Membri dwar il-qamħirrum ĠM derivat minn trasformazzjoni multipla jinsabu fir-reġistru tal-mistoqsijiet tal-EFSA: <http://registerofquestions.efsa.europa.eu/roqFrontend/login?>

⁽⁹⁾ https://www.testbiotech.org/sites/default/files/Testbiotech_Comment_MON%2089034%20x%201507%20x%20NK603%20x%20DAS40278-9.pdf

Il-Ħamis, 14 ta' Novembru 2019

- I. billi dak l-istudju indipendenti jikkonstata li l-EFSA kellha tiegħu r-riżultati tal-analiżi komparattiva bħala punt ta' tluq għal investigazzjonijiet aktar dettaljati, peress li l-analiżi żvelat li hemm ħafna differenzi sinifikanti bejn il-qamħirrum GM derivat minn trasformazzjoni multipla u l-kontroparti konvenzjonali tiegħu, speċjalment meta l-qamħirrum GM derivat minn trasformazzjoni multipla għe ttrattat b'erbiċidi komplementari;
- J. billi l-istudju indipendenti jikkonkludi wkoll li, fid-dawl ta' dawk id-differenzi sinifikanti, l-istudji ta' alimentazzjoni fit-tul u/jew l-istudji multiġenerazzjonali kellhom jintalbu mill-EFSA, sabiex tkun tista' tivvaluta kif xieraq it-tossiċità għall-organi u għar-riproduzzjoni u r-reazzjonijiet tas-sistema immunitarja, filwaqt li jitqiesu l-ammont kbir ta' tossini Bt u l-livelli realistiċi ta' residwi ta' erbiċidi komplementari u l-effetti kombinatorji u kumulattivi potenzjali;

Nuqqas ta' valutazzjoni tar-residwi tal-erbiċidi, tal-metaboliti u tal-effetti cocktail

- K. billi għadd ta' studji wrew li l-kultivazzjoni ta' għelejjeġ GM tolleranti għall-erbiċidi twassal għal użu akbar ta' erbiċidi "komplementari", fil-biċċa l-kbira minħabba l-emerġenza ta' ħaxix ħażin tolleranti għall-erbiċidi⁽¹⁰⁾; billi, b'konsegwenza, għandu jkun mistenni li l-qamħirrum GM derivat minn trasformazzjoni multipla jkun espost għal dożi kemm ogħla kif ukoll ripetuti ta' glufosinat, glifosat, kwiżalofop u 2,4-D, u li għalhekk il-ħsad jista' jkun fih kwantità ogħla ta' residwi;
- L. billi għad hemm dubji dwar il-karċinoġeniċità tal-glifosat; billi, f'Novembru 2015, l-EFSA kkonkludiet li l-glifosat x'aktarx mhuwiex karċinoġeniku, filwaqt li, f'Marzu 2017, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) ikkonkludiet li ebda klassifikazzjoni ma kienet ġustifikata; billi, għall-kuntrarju, fl-2015, l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC), l-aġenzija speċjalizzata dwar il-kanċer tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, ikklassifikat il-glifosat bħala karċinoġenu possibbli għall-bnedmin;
- M. billi, skont l-EFSA, id-data tossikoloġika li tippermetti li titwettaq valutazzjoni tar-riskju għall-konsumaturi għal diversi prodotti ta' dekompożizzjoni tal-glifosat rilevanti għall-għelejjeġ GM tolleranti għall-glifosat hija nieqsa⁽¹¹⁾;
- N. billi l-glufosinat huwa klassifikat bħala sustanza tossika għar-riproduzzjoni 1B u għalhekk jissodisfa l-"kriterji ta' limitu" stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹²⁾; billi l-approvazzjoni għall-użu tal-glufosinat fl-Unjoni skadiet fil-31 ta' Lulju 2018⁽¹³⁾;
- O. billi artiklu reċenti minn espert involut fl-iżvilupp ta' pjanti GM iqajjem dubji dwar is-sikurezza tal-għelejjeġ GM li huma tolleranti għat-2,4-D minħabba d-degradazzjoni tiegħu fi prodotti ta' dekompożizzjoni ċitotossiċi⁽¹⁴⁾;

⁽¹⁰⁾ Ara, pereżempju, Bonny, S., "Genetically Modified Herbicide-Tolerant Crops, Weeds, and Herbicides: Overview and Impact" (Għelejjeġ, Ħaxix Ħażin u Erbiċidi Ġenetikament Modifikati Tolleranti għall-Erbiċidi: Ħarsa Ġenerali u Impatt), Environmental Management, Jannar 2016 57(1):pp. 31-48, <https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pubmed/26296738> u Benbrook, C.M., "Impacts of genetically engineered crops on pesticide use in the U.S. – the first sixteen years" (L-impatti tal-għelejjeġ ġenetikament modifikati fuq l-użu tal-pestiċidi fl-Istati Uniti – l-ewwel sittax-il sena), Environmental Sciences Europe; 28 ta' Settembru 2012, Vol. 24(1), <https://enveurope.springeropen.com/articles/10.1186/2190-4715-24-24>

⁽¹¹⁾ "EFSA conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance glyphosate" (Konklużjoni tal-EFSA dwar ir-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva glifosat), EFSA Journal 2015; 13(11):4302, p. 3, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/4302>

⁽¹²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

⁽¹³⁾ https://ec.europa.eu/food/plant/pesticides/eu-pesticides-database/active-substances/?event=as.details&as_id=79

⁽¹⁴⁾ Lurquin, P.F., "Production of a toxic metabolite in 2, 4-D-resistant GM crop plants" (Produzzjoni ta' metabolita tossika fl-għelejjeġ GM reżistenti għat-2, 4-D), 3 Biotech (2016), 6(1): 1-4, <https://link.springer.com/article/10.1007/s13205-016-0387-9#CR25>

Il-Ħamis, 14 ta' Novembru 2019

- P. billi l-valutazzjoni tar-residwi ta' erbiċidi u tal-prodotti ta' dekompożizzjoni tagħhom misjuba fi pjanti ĠM hija kkunsidrata li ma taqax taħt il-kompetenza tal-Bord tal-EFSA dwar Organiżmi Ġenetikament Modifikati (il-Bord tal-EFSA dwar l-OĠM) u għalhekk ma titwettaqx bħala parti mill-proċess ta' awtorizzazzjoni għall-OĠM; billi dan huwa problematiku peress li l-mod kif l-erbiċidi komplementari jiġu dekomposti mill-pjanta ĠM konċernata, u l-kompożizzjoni u għalhekk it-tossiċità tal-prodotti ta' dekompożizzjoni ("metaboliti"), jistgħu jiġu stimolati mill-modifika ġenetika nnifisha ⁽¹⁵⁾;
- Q. billi, minħabba prattiki agrikoli speċifiċi fil-kultivazzjoni ta' pjanti ĠM tolleranti għall-erbiċidi, hemm ukoll xejriet speċifiċi ta' applikazzjoni ta' erbiċidi u, għalhekk, ta' esponiment tal-pjanti, kif ukoll l-emerġenza ta' effetti kombinatorji bejn ir-residwi differenti tal-erbiċidi u l-metaboliti tagħhom, li jirrikjedu attenzjoni speċjali; billi dawn ma ġewx ikkunsidrati mill-EFSA;
- R. billi, għalhekk, ma jistax jiġi konkluż li l-konsum ta' qamħirrum ĠM derivat minn trasformazzjoni multipla jew tas-subkombinazzjonijiet tiegħu huwa sikur għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali;

Nuqqas ta' livelli massimi ta' residwi u kontrolli relatati

- S. billi, skont ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁶⁾, li għandu l-għan li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, għandhom jiġu stabbiliti livelli massimi ta' residwi (MRLs) speċifiċi għall-ikel u l-għalf prodotti f'pajjiżi terzi, meta l-użu tal-pestiċidi jirriżulta f'livelli ta' residwi differenti minn dawk li jirriżultaw minn prattiki agrikoli fl-Unjoni; billi dan huwa fil-fatt il-każ għall-għelejjel ĠM tolleranti għall-erbiċidi importati, minħabba ż-żieda fl-ammonti ta' erbiċidi użati fir-rigward tal-għelejjel mhux ĠM;
- T. billi, madankollu, skont rieżami tal-EFSA tal-2018 tal-MRLs eżistenti għall-glifosat, id-data disponibbli ma kinitx biżżejjed biex jiġu derivati l-MRLs u l-valuri tal-valutazzjoni tar-riskju għall-glifosat fir-rigward tal-qamħirrum ĠM b'modifika EPSPS ⁽¹⁷⁾; billi l-qamħirrun ĠM derivat minn trasformazzjoni multipla għandu l-modifika EPSPS ⁽¹⁸⁾;
- U. billi, għal darb'oħra, skont ir-Regolament (KE) Nru 396/2005, ir-residwi fl-għelejjel importati għall-ikel u l-għalf ta' sustanzi attivi li mhumiex awtorizzati għall-użu fl-Unjoni, bħall-glufosinat, għandhom jiġu kkontrollati u ssorveljati bir-reqqa ⁽¹⁹⁾;
- V. billi, skont l-aħħar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll (għall-2020, l-2021 u l-2022), l-Istati Membri mhumiex obbligati jkejlu il-glufosinat (jew kwalunkwe erbiċida oħra) fil-qamħirrum (ĠM jew mhux) ⁽²⁰⁾; billi ma jistax jiġi eskluż li l-qamħirrun ĠM derivat minn trasformazzjoni multipla, is-subkombinazzjonijiet tiegħu jew il-prodotti derivati minnu għall-ikel u l-għalf se jaqbu l-MRLs, li għandhom jiddaħħlu fis-seħħ u jiġu mmonitorjati biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur;

⁽¹⁵⁾ Dan huwa fil-fatt il-każ għall-glifosat, kif iddikjarat fl-"EFSA Review of the existing maximum residue levels for glyphosate according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005" (Rieżami tal-EFSA tal-livelli ta' residwi massimi eżistenti għall-glifosat skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005), EFSA Journal 2018; 16(5):5263, p. 12, <https://www.efsa.europa.eu/fr/efsajournal/pub/5263>

⁽¹⁶⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1). Ara l-premessa 26.

⁽¹⁷⁾ "Reasoned Opinion on the review of the existing maximum residue levels for glyphosate according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005" (Opinjoni Motivata dwar ir-ieżami tal-livelli ta' residwi massimi eżistenti għall-glifosat skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005). EFSA Journal 2018; 16(5):5263, p. 4. <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2018.5263>

⁽¹⁸⁾ Opinjoni tal-EFSA, p. 10, Tabella 4.

⁽¹⁹⁾ Ara l-premessa 8 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

⁽²⁰⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/533 tat-28 ta' Marzu 2019 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2020, l-2021 u l-2022 biex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jiġi vvalutat l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 88, 29.3.2019, p. 28).

Il-Ħamis, 14 ta' Novembru 2019

Proteini Bt

- W. billi għadd ta' studji juru li ġew osservati effetti kollaterali li jistgħu jaffettwaw is-sistema immunitarja wara esponiment għal proteini Bt u li xi proteini Bt jista' jkollhom karatteristiċi adjuvanti ⁽²¹⁾, li jfisser li dawn jistgħu jżidu l-allerġeniċità ta' proteini oħra li jidħlu f'kontatt magħhom;
- X. billi opinjoni tal-minoranza adottata minn membru tal-Bord tal-EFSA dwar l-OĠM fil-proċess tal-valutazzjoni ta' tip ieħor ta' qamħirrum ĠM derivat minn trasformazzjoni multipla u s-subkombinazzjonijiet tiegħu kkonstatat li, filwaqt li effetti mhux intenzjonati fuq is-sistema immunitarja qatt ma ġew identifikati fi kwalunkwe applikazzjoni fejn huma espressi proteini Bt, dawn "ma setgħux jiġu osservati mill-istudji tossikoloġiċi [...] rakkomandati attwalment u mwettqa għall-valutazzjoni tas-sikurezza ta' pjanti ĠM fl-EFSA minħabba li ma jinkludux it-testijiet xierqa għal dan l-iskop" ⁽²²⁾;
- Y. billi studju reċenti juri li żieda rapida fl-użu ta' trattamenti taż-żrieragħ neonikotinojdi fl-Istati Uniti tikkoinċidi maż-żieda ta' tħawwil ta' qamħirrun Bt ĠM ⁽²³⁾; billi l-Unjoni pprojbiet l-użu fuq barra ta' tliet neonikotinojdi, inkluż bħala kisjiet taż-żrieragħ, minħabba l-impatt tagħhom fuq in-naħal tal-għasel u dakkara oħra ⁽²⁴⁾;
- Z. billi l-valutazzjoni tal-interazzjoni potenzjali ta' residwi tal-erbiċidi u l-metaboliti tagħhom mal-proteini Bt hija kkunsidrata li ma taqax taħt il-kompetenza tal-Bord tal-EFSA dwar l-OĠM u għalhekk ma titwettaqx bħala parti mill-valutazzjoni tar-riskju;

Teħid ta' deċiżjonijiet mhux demokratiku

- AA. billi l-votazzjoni fit-12 ta' Lulju 2019 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali msemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 ma tat ebda opinjoni, li jfisser li l-awtorizzazzjoni ma kinitx appoġġjata minn maġġoranza kwalifikata tal-Istati Membri; billi anki l-votazzjoni tas-16 ta' Settembru 2019 tal-Kumitat tal-Appell ma tat ebda opinjoni;
- AB. billi l-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-fatt li d-deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni tal-OĠM għadhom jiġu adottati mill-Kummissjoni mingħajr maġġoranza kwalifikata tal-Istati Membri favur, li huwa verament l-eċċezzjoni għall-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti b'mod ġenerali iżda sar in-norma għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjonijiet ta' ikel u għalf ĠM, huwa problematiku ⁽²⁵⁾; billi l-President tal-Kummissjoni ddeplora din il-prattika diversi drabi bħala waħda li mhijiex demokratika ⁽²⁶⁾;
- AC. billi, fit-tmien leġislatura tiegħu, il-Parlament Ewropew adotta total ta' 36 riżoluzzjoni li joġġezzjonaw għat-tqegħid fis-suq tal-OĠM għall-ikel u għall-għalf (33 riżoluzzjoni) u għall-kultivazzjoni tal-OĠM fl-Unjoni (tliet riżoluzzjonijiet); billi ma kienx hemm maġġoranza kwalifikata ta' Stati Membri favur l-awtorizzazzjoni ta' kwalunkwe wieħed minn dawk l-OĠM; billi, minkejja r-rikonoxximent tagħha stess tan-nuqqasijiet demokratiċi, tan-nuqqas ta' appoġġ mill-Istati Membri u tal-oġġezzjonijiet tal-Parlament, il-Kummissjoni qed tkompli tawtorizza OĠM;

⁽²¹⁾ Għal harsa ġenerali, ara Rubio-Infante, N., & Moreno-Fierros, L., "An overview of the safety and biological effects of Bacillus thuringiensis Cry toxins in mammals" (Harsa ġenerali lejn is-sikurezza u l-effetti bijoloġiċi tat-tossini Cry ta' Bacillus thuringiensis fil-mammiferi), Journal of Applied Toxicology, Mejju 2016, 36(5): pp. 630-648. <http://onlinelibrary.wiley.com/doi/10.1002/jat.3252/full>

⁽²²⁾ "Application EFSA-GMO-DE-2010-86 (Bt11 x MIR162 x 1507 x GA21 maize and three sub combinations independently of their origin)" (Applikazzjoni EFSA-GMO-DE-2010-86 (Qamħirrum Bt11 x MIR162 x 1507 x GA21 u tliet subkombinazzjonijiet irrispettivament mill-orijini tagħhom) Opinjoni tal-Minoranza Wal, J.M., Membru tal-Bord tal-EFSA dwar l-OĠM, EFSA Journal 2018; 16(7):5309, <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2018.5309>, p. 34.

⁽²³⁾ "Large-Scale Deployment of Seed Treatments Has Driven Rapid Increase in Use of Neonicotinoid Insecticides and Preemptive Pest Management in U.S. Field Crops" (L-Użu fuq Skala Kbira ta' Trattamenti taż-Żrieragħ Wassal għal Żieda Rapida fl-Użu ta' Insettiċidi Neonikotinojdi u l-Ġestjoni Preventiva tal-Pesti fl-Għelejjel fl-Istati Uniti), Douglas, M.R., u Tooker, J.F., Environmental Science & Technology 2015, 49, 8, 5088-5097, Data tal-Pubblikazzjoni (Web): 20 ta' Marzu 2015, <https://pubs.acs.org/doi/10.1021/es506141g>

⁽²⁴⁾ https://ec.europa.eu/food/plant/pesticides/approval_active_substances/approval_renewal/neonicotinoids_en

⁽²⁵⁾ Ara, pereżempju, il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni ppreżentata fit-22 ta' April 2015 li temenda r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 rigward il-possibbiltà li l-Istati Membri jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-użu ta' ikel u għalf ĠM fit-territorju tagħhom, u l-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni ppreżentata fl-14 ta' Frar 2017 li temenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011.

⁽²⁶⁾ Ara, pereżempju, id-Dikjarazzjoni Inawgurati fis-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew inkluża fil-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss (Strasburg, il-15 ta' Lulju 2014), jew fid-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2016 (Strasburg, 14 ta' Settembru 2016).

Il-Ħamis, 14 ta' Novembru 2019

AD. billi ma hija meħtieġa ebda bidla fil-liġi biex il-Kummissjoni tkun tista' ma tawtorizzax OĠM meta ma jkunx hemm maġġoranza kwalifikata ta' Stati Membri favur fil-Kumitat tal-Appell ⁽²⁷⁾;

1. Iqis li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jisboq is-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003;
2. Iqis li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni mhuwiex konsistenti mad-dritt tal-Unjoni, billi mhuwiex kompatibbli mal-għan tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 li, skont il-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁸⁾, huwa li jipprovdi l-bażi biex, fir-rigward tal-ikel u l-ġhalf ĠM, jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-ħajja u s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, u l-interessi tal-ambjent u tal-konsumaturi, filwaqt li jiżgura l-funzjonament effettiv tas-suq intern;
3. Jistieden lill-Kummissjoni tirtira l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha;
4. Itenni l-impenn tiegħu li javvanza l-ħidma fuq il-proposta tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011; jistieden lill-Kunsill imexxi 'l quddiem il-ħidma tiegħu fir-rigward ta' dik il-proposta tal-Kummissjoni bħala kwistjoni ta' urġenza;
5. Jistieden lill-Kummissjoni biex, sadanittant, ma tibqax tawtorizza OĠM meta ma tingħata ebda opinjoni mill-Istati Membri fil-Kumitat tal-Appell, kemm għall-kultivazzjoni kif ukoll għall-ikel u l-ġhalf, skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011;
6. Jistieden lill-Kummissjoni ma tawtorizzax għelejjeġ ĠM tolleranti għall-erbiċidi sakemm ir-riskji għas-saħħa assoċjati mar-residwi jkunew investigati b'mod komprensiv fuq bażi ta' każ b'każ, li jirrikjedi valutazzjoni sħiħa tar-residwi mill-bexx tal-għelejjeġ ĠM b'erbiċidi komplementari, il-metaboliti tagħhom u kwalunkwe effett kombinatorju;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra bis-sħiħ il-valutazzjoni tar-riskju tal-applikazzjoni tal-erbiċidi komplementari u r-residwi tagħhom fil-valutazzjoni tar-riskju tal-pjanti ĠM tolleranti għall-erbiċidi, irrispettivament minn jekk il-pjanta ĠM tkunx maħsuba għall-kultivazzjoni fl-Unjoni jew għall-importazzjoni fl-Unjoni biex tintuża għall-ikel u l-ġhalf;
8. Jistieden lill-Kummissjoni ma tawtorizzax l-importazzjoni, biex tintuża bħala ikel jew ġhalf, ta' kwalunkwe pjanta ĠM li saret tolleranti għal sustanza attiva erbiċida mhux awtorizzata għall-użu fl-Unjoni;
9. Jistieden lill-Kummissjoni ma tawtorizza ebda subkombinazzjoni ta' eventi ĠM derivati minn trasformazzjoni multipla sakemm dawn ma jkunux ġew evalwati bir-reqqa mill-EFSA abbażi ta' data kompleta mressqa mill-applikant;
10. Iqis, b'mod aktar speċifiku, li l-approvazzjoni ta' varjetajiet li għalihom ma ġiet ipprovduta ebda data dwar is-sikurezza, li lanqas biss ġew ittestjati, jew li lanqas biss ġew maħluqa, tmur kontra l-prinċipji tal-liġi ġenerali dwar l-ikel, kif stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 178/2002;
11. Jistieden lill-EFSA tkompli tiżviluppa u tuża b'mod sistematiku metodi li jippermettu l-identifikazzjoni tal-effetti mhux maħsuba tal-eventi ĠM derivati minn trasformazzjoni multipla, bħal fir-rigward tal-karatteristiċi adjuvanti tat-tossini Bt;
12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tittratta l-obbligi tal-Unjoni skont ftehimiet internazzjonali, bħall-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, bħala "dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni" u/jew "fatturi leġittimi" skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003, u tagħtihom l-importanza li jistħoqqilhom, kif ukoll tikkomunika dwar kif tqiesu fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet;
13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

⁽²⁷⁾ Il-Kummissjoni "tista", u mhux "għandha", tmexxi bl-awtorizzazzjoni jekk ma jkunx hemm maġġoranza kwalifikata ta' Stati Membri favur fil-Kumitat tal-Appell, skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 (l-Artikolu 6(3)).

⁽²⁸⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).